MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 421/2010

Cutajar Limited (C4975).

Vs

Tony Ryder.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija, disa u disghin ewro u sitta u disghin centezmi (€899.96) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont bilancjali dovut ghal merkanzija konsistenti f'apparat elettroniku mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Ottubru 2009 u tas-17 ta' Frar 2010 u bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2008, data ta' l-ahhar konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2010 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, disa u disghin ewro u sitta u disghin centezmi (€899.96), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------